## 26 ta' Novembru, 1992

**Imħallef: –**

## Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Busuttil, Ludovico Vella u Carmelo *sive* Charles Camilleri

**Omiċidju Involontarju – Artikolu 30 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija – Kontributorjetà tas-Sinistrat – Piena**

*L-artikolu 30 tal-Kap. 10 jiddisponi li waqt il-bini jew tiswija ta' triq, ta' kanal jew ta' gandott, jew ta' biċċa xogħol oħra fit-triq l-uffiċjal inkarigat għandu jieħu l-ħsieb meħtieġ biex tiġi skansata kull diżgrazzja u jieħu ħsieb li kull kanal, gandott jew biċċa xogħol oħra jkunu mdawlin tajjeb matul il-lejl sabiex ma jiġrux diżgrazzji.*

*Il-perikolu li, fid-dlam tal-lejl, xi ħadd ma jarax gandott u jaqa' fih hu*

*ovvju u raġonevolment u faċilment prevedibbli. Il-persuna responsabbli mit-tmexxija tax-xogħol fuq il-post tax-xogħol hi tenuta tieħu l-prekawzjonijiet neċessarji fiċ-ċirkostanzi u dettati mir-raġuni biex tiġi evitata diżgrazzja u dan indipendentement minn kull ordni li jista' jew le jiġi mogħti lilha.*

*Il-fatt li f'tarf it-triq kien hemm sinjal ta' "no entry" ma jiskużax lill-imputati. Il-kontributorjetà tas-sinistrat, bin-negliġenza tiegħu u bl-inosservanza tar-regolamenti, ma tiskolpax lill-appellati mir-responsabbilità kriminali tagħhom; tiġi biss ikkunsidrata fl-applikazzjoni tal-piena.*

*In-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja għal perikolu tant ovvju jindika li għandha tiġi applikata l-piena ta' priġunerija u mhux ta' multa.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni dedotta fin-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-3 ta' Mejju, 1984 kontra t-tliet imputati li fiż-Żejtun jew fil-limiti tiegħu, fil-31 ta' Marzu, 1983 għall-ħabta tad-9.00 p.m. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, kkaġunaw il-mewt ta' Joseph Carabott (artikolu 239, illum 225 tal-Kodiċi Kriminali), bit-talba li l-Qorti tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż tal-periti (artikolu 527, illum 533 tal-Kodiċi Kriminali);

Rat is-sentenza tas-17 ta' Lulju, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lliberat lit-tliet imputati minn dik l-akkuża;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u minflok issib lill-imputati ħatja ta' l-akkuża dedotti kontra tagħhom u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. L-aggravju ta' l-appellant hu li s-sentenza liberatorja hi bbażata fuq, u tikkontjeni, diversi enunċjazzjonijiet u esposizzjonijiet żbaljati u nkompleti ta' l-ipotesi tal-liġi;

2. Il-fatti rilevanti kienu dawn. F'Marzu 1983 id-Dipartimenti tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien qiegħed jagħmel tħaffir ta' trinek fi Triq Xrob il-Għaġin limiti taż-Żejtun. Fit-30 ta' Marzu, 1983 ġie mħaffer gandott pjuttost fond mat-tul tat-triq. Meta l-ħaddiema tad-Dipartiment spiċċaw mix-xogħol dakinhar fil-għaxija, ma ħallewx dawl f'ras il-gandott. L-għada 31 ta' Marzu 1983 kienet festa, u l-ħaddiema ma' ħadmux. Fil-għaxija reġa' ma tħalliex dawl, u għal xid-9.00 p.m. Joseph Carabott saq f'dik it-triq bil-*bicycle* u waqa' fil-gandott. Dana miet mgħarraq f'għadira ilma li kien hemm fil-gandott;

Probabilment Carabott meta waqa' ġie għal wiċċu, intilef minn sensih u b'hekk ma refax imnifsejh minn ġo l-ilma;

3. Irriżulta li dak il-ħin ta' l-inċident kien dlam ċappa. M'hemmx dubju mill-provi li Carabott waqa' fil-gandott minħabba li ma ndunax bih, ħlief forsi meta kien tard wisq, u ma setax jevita l-waqa'. Jiġifieri l-inċident kien dovut għall-fatt li l-post ma kienx imdawwal;

4. It-tliet imputati kienu fost il-persuni nkarigati mix-xogħol in kwistjoni. Busuttil kien *Technical Officer II.* Kien l-uffiċjal responsabbli għat-tmexxija u d-direzzjoni tax-xogħol. Fid-data rilevanti kien qiegħed jagħmel ix-xogħol ta' Lino Portelli, li kien bil-*leave*. Portelli kien *works manager*, bl-inkarigu li jidderiġi mill-uffiċċju u jmur "*on site*" skond kif ikun meħtieġ;

5. L-imputat Camilleri kien *"chargehand"* inkarigat mit-tħaffir tat-trinek. L-imputat Vella kien *assistant works technical officer"* u kien inkarigat miċ-*"channelling"* fuq il-ħitan. Irriżulta li dawn it-tnejn "kienu joverlappjaw u jikkmandaw l-istess *"on site"* peress li l-*foreman* Joe Ellul, *works technical officer*, kien bil-*leave;*

6. Jirriżulta għalhekk li fid-data in kwistjoni l-appellat Joseph Busuttil kien l-uffiċjal inkarigat mix-xogħol. Issa l-artikolu 30 tal-Kapitolu 10 jiddisponi li waqt il-bini jew tiswija ta' triq, ta' kanal jew ta' gandott, jew ta' biċċa xogħol oħra fi triq, l-uffiċjal inkarigat għandu jieħu l-ħsieb meħtieġ biex tiġi skansata kull diżgrazzja, u jieħu ħsieb li kull kanal, gandott jew biċċa xogħol oħra jkunu mdawlin tajjeb matul il-lejl sabiex ma jiġrux diżgrazzji. Kjarament l-imputat Busuttil kien tenut jieħu ħsieb li jitqiegħed id-dawl fejn it-trinka. Hu xehed lil kien jaf li ma kienx hemm dawl. Qal li ħadd min-nies li kienu jaħdmu *"on site"* qatt ma talbu jipprvodilu fanali. Qal ukoll Busuttil li hu qatt ma staqsa jew indaga jekk kinux jitpoġġew fanali fejn it-trinka. Qal li hu kien assuma li kienu jitqiegħdu fanali. Mill-premess jirriżulta ċar li l-appellat Busuttil, bħala l-uffiċjal inkarigat mix-xogħol in kwistjoni, naqas mid-dmir tiegħu impost mil-liġi li jieħu ħsieb li fil-31 ta' Marzu, 1983 ikun hemm dawl fejn it-trinka biex jiġu evitati diżgrazzji;

7. L-appellati Vella u Camilleri kienu nkarigati mit-tmexxija u d-direzzjoni fuq il-lant tax-xogħol. Dawn strettament forsi ma kinux **uffiċjali** nkarigati mix-xogħol, u allura l-artikolu 30 tal-Kapitolu 10, iċċitat hawn fuq fil-paragrafu preċedenti, ma japplikax għalihom. L-espert tat-traffiku Avukat Dottor Joseph Galea Debono, innominat mill-Maġistrat Inkwirent, fir-relazzjoni tiegħu iċċita l-artikolu 33 tal-Kapitolu 10 li jgħid li

dwal biżżejjed għandhom jitqiegħdu matul il-lejl fuq jew ħdejn materjal poġġut fit-triq, mill-persuna li tkun xeħtet hemm dak il-materjal fiż-żmien li jkun isir xi bini, tiswija jew tħaffir. Din id-disposizzjoni però mhix rilevanti għall-każ odjern għaliex timponi t-tqegħid ta' dawl fejn il-materjal u ma timponix l-istess fejn it-trinek;

8. B'danakollu l-appellati Camilleri u Vella kienu fuq il-post tax-xogħol sa x'ħin waqaf ix-xogħol qabel l-inċident. Il-gandott in kwistjoni kien għadu kif ġie mħaffer. Il-periklu li fid-dlam tal-lejl xi ħadd ma jarahx u jaqa' fih kien ovvju u raġonevolment u faċilment prevedibbli. Bħala l-persuni responsabbli mit-tmexxija tax-xogħol fuq il-post tax-xogħol, Camilleri u Vella kienu tenuti jieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji fiċ-ċirkostanzi biex jevitaw diżgrazzji. Dawn il-prekawzjonijiet ovvjament kienu li jdawlu l-post b'mod li fid-dlam jattiraw l-attenzjoni għall-gandott. Din il-prekawzjoni ma ħaduhiex;

9. Il-fatt li f'tarf it-triq in kwistjoni kien hemm sinjal ta' "*no entry*" ma jiskużax lill-imputati. Dan is-sinjal ma ddispensahomx mill-obbligu li jdawlu l-post. Il-periklu kien evidenti anki għal Camilleri u Vella nnifishom, li qiegħdu kantuni fl-art fit-triq fejn il-gandott. (Evidentement fid-dlam dawn ma jevitawx diżgrazzji anzi tistenna lil jkabbru l-periklu). L-appellati ssottomettew li l-fanali spiss jinsterqu fit-toroq. L-appellati ma għamlux talba lis-superjuri tagħhom biex jitqiegħed *watchman*. L-anqas *del resto* ma talbu biex jiġu pprovduti bil-fanali. Il-verità hi, kif irriżultat mill-provi, li ebda wieħed mit-tliet appellati ma ħa l-iċken ħsieb biex fejn it-trinka jitħalla dawl bil-lejl. Dana f'post fil-kampanja f'ċirkostanzi li ovvjament kienu jinvolvu s-saħħa u l-ħajja tan-nies, u li fihom, kif ġa ntqal, il-prekawzjoni tad-dawl kienet kjarament meħtieġa;

10. L-ewwel Qorti ma sabitx ħtija fl-imputati Camilleri u Vella għaliex qalet li d-dmirijiet u r-responsabbilitajiet tagħhom fuq xogħlhom "ma kinux jinkorporaw l-inizjattiva li minn jeddhom jieħdu dawk is-*'safety precautions'* " li kienu ndikati f'*memorandum* tad-Dipartiment tagħhom. Dik il-Qorti rriteniet li biex jieħdu dawn il-prekawzjonijiet, Camilleri u Vella kellhom jiġu ordnati apposta mis-superjuri tagħhom, u fin-nuqqas ta' tali ordni ma jistgħux jiġu mistennija li jieħu huma l-inizjattiva jew ir-responsabbilità. Bir-rispett kollu dan huwa żbaljat. Vella u Camilleri kienu l-persuni responsabbli fuq ix-xogħol tal-qtugħ tat-trinka. Kienu huma tenuti li jieħdu l-prekawzjonijiet kollha dettati mir-raġuni biex tiġi evitata kull ħsara prevedibbli b'dik it-trinka, u dan indipendentement minn kull ordni li seta' jiġi mogħti jew le lilhom;

11. Ir-raġuni li għaliha l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat Joseph Busuttil mhix ċara għal din il-Qorti, almenu kif presjeduta. Tidher però li kienet li Busuttil kien qiegħed jissostitwixxi lill-*foreman* Ellul li kien bil-*leave*. Ellul ma kienx jagħmel dwal bħala prekawzjoni, iżda kien ipoġġi l-ġebel ma' l-art. Allura Busuttil kien sodisfatt li dak il-ġebel kien biżżejjed u ma kienx hemm bżonn ta' dawl. Din donna hi r-raġuni tal-liberazzjoni ta' Busuttil. Però jidher ovvju lil din il-Qorti li din mhix raġuni suffiċjenti biex tiskolpa lil Busuttil;

12. Mill-premess jirriżulta bla ebda dubju li t-tliet imputati huma responsabbli għall-mewt ta' Joseph Carabott bin-nuqqas kolpuż ta' ħsieb tagħhom u bi traskuraġni, u Busuttil ukoll bin-nuqqas ta' tħaris tal-liġi. Vella u Camilleri xorta waħda huma responsabbli minkejja li Busuttil, li apparentement kien is-superjur tagħhom, huwa responsabbli wkoll;

13. M'hemmx dubju li Carabott, il-mejjet, ikkontribwixxa għall-inċident bin-negliġenza tiegħu, anzi wkoll bl-inosservanza tar-regolamenti. Di fatti ma kellux dawl fuq ir-rota li kien riekeb fid-dlam ċappa li kien. Din iċ-ċirkostanza però ma tiskolpax lill-appellati mir-responsabbilità kriminali tagħhom. Tiġi kkunsidrata fl-applikazzjoni tal-piena;

14. Il-piena preskritta mil-liġi għar-reat in kwistjoni hija l-priġunerija li ma teċċedix sentejn jew il-multa. Din il-qorti jidhrilha li n-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja għal periklu daqstant ovvju jindika l-piena ta' priġunerija u mhux ta' multa. Ir-responsabbilità ta' Busuttil hija ta' grad ogħla minn dik taż-żewġ appellati l-oħrajn. Huwa kien is-superjur tagħhom u kellu d-dmir jivverifika kinux ġew imqiegħda d-dwal meħtieġa u jekk le jordna espressament lill-oħrajn biex iqegħduhom;

15. Il-Qorti, kif ġa ntqal, ser tapplika l-piena tal-priġunerija. Biss in vista tal-fatt li dan il-proċediment ġie mibdi f'Jannar 1984, u għal xi raġuni jew oħra l-appellati ilhom bl-inkubu ta' l-akkuża preżenti għal kważi disa' snin, u in vista ta' dan il-fatt biss, ser tordna li l-priġunerija tiġi sospiża a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

16. Għall-motivi premessi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok issib lit-tliet imputati appellati ħatjin ta' l-imputazzjoni kif dedotta, u wara li rat il-fedini penali nodfa ta' l-imputati u l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9, tikkundanna lill-imputat Joseph Busuttil disa' xhur priġunerija u lil kull wieħed mill-imputati Ludovico Vella u Carmelo Camilleri sitt xhur priġunerija, u tordna li din is-sentenza ma tibdiex isseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' sentejn mil-lum l-imputat relattiv jikkommetti reat li għalih hemm il-

piena tal-priġunerija u dan fit-termini ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9;

17. Il-Qorti fissret dan l-ordni bi kliem ċar lit-tliet imputati skond l-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9;

18. Billi ma jirriżultax l-ammont ta' l-ispejjeż tal-perizji, tirriserva li tipprovdi fuq it-talba għall-ħlas tagħhom wara li dawn l-ispejjeż jiġu indikati f'rikors appożitu skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9.